# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 24**

**Citaz. Nru. 284/98GV**

Doc. 148-01

**Sebastian Muscat**

**-vs-**

**Raymond Bugeja**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'artiklu intitolat "*DRUG COURIERS EXPLOIT SECURITY LOOPI-IOLES AT SEAPORT*" ppubblikat fil-hames faccata tal-harga ta' "THE MALTA INDEPENDENT ON SUNDAY" tal-25 ta' Jannar, 1998, (Dok. A) - ta' liema pubblikazzjoni l-konvenut hu l-editur - gew attribwiti fatti determinati foloz u rnalafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku kif ukoll x'aktarx taglimel hsara lin-negozju jew proprjeta' tieghu,

U premess illi l-attur bhala l-parti malafamata u offiza u bhala l-proprjetarju ta' negozju ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Art.

28 u 29 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti:

1. jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-pubblikazzjoni suriferita li dehret fil-harga ta' "THE MALTA INDEPENDENT ON SUNDAY" tal*25* ta' Jannar, 1998 hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur, u tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u li x'aktarx taghmel hsara lin-negozju jew proprjeta' tieghu; u

2. tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tat-Art. 28 u 29 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjes kontra l-konvenu.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 13 tal-proces fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma assolutament infondati, frivoli u vessatorji.

2. Illi fir-rapport '*Police keep watchful eye on ship crews*', la jissemma' l-attur u lanqas il-hanut tieghu, u dan meta fl-*area* fejn jitrakka l-vapur hemm diversi hwienet. Uhud qeghdin ifittxu l-icken pretest biex jippruvaw jiehdu danni mmaginarji. Fil-kaz prezenti, semplicement ghax inkiteb li l-Pulizija qeghda '*actively considering recommending withholding the licence of at least one bar*', l-attur

kien pront biex jirreklama danni mmaginarji. Fir-rapport ma jissemmiex il-*bar* li fih gew suspettati l-'*illegal deals*'.

3. Jekk l-attur ried jaghti pubblicita' lill-hanut tieghu, kien messu ghamel kjarifika li fiha jiddikjara li l-*bar* tieghu m'huwiex wiehed mill-*bars* taht suspetti tal-Pulizija.

4. Il-kitba hija permissibbli f'socjeta' demokratika u hija esercizzju tad-dritt ghal stampa hielsa.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li l-pubblikazzjoni f'The Malta Independent tal-25 ta' Jannar, 1998 fl-artikolu "*Drug couriers exploit security loopholes at seaport*" pubblikat fil-hames faccata tal-gazzetta hi libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u tesponih ghar-redikolu jew disprezz tal-pubbliku u li x'aktarx taghmel hsara lin-negozju jew proprjeta' tieghu; u ghaliex il-konvenut m'ghandhux jigi kkundannat ihallas lill attur dik is-somma li tiffissa l-Qorti bhala danni ghall malafama bl-applikazzjoni ta' l-art. 28 tal-Kap 248.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa:- li fir-rapport la jissemma l-attur u lanqas il-hanut tieghu, u dan meta fl-*area* fejn jitrakka l-vapur hemm diversi hwienet. Fir-rapport ma jissemmiex il-*bar* li fih gew suspettati l-*illegal deals*; il-kitba hija permissibli f'socjeta' demokratika u hija ezercizju tad-dritt ghal stampa hielsa.

**PROVI**

**L-attur** xehed li hu proprjetarju tas-C. J. Bar fl-*arrivals terminal* Pinto Wharf il-Belt, ezattament quddiem it-terminal. Fl-*area* tieghu m'hemmx *bars* ohra. Hemm *bar* iehor li qieghed il-boghod minnu u m'ghandux x'jaqsam mal-akkwati tat-*terminal*. Hu hassu ngurjat fil-parti fejn jghid li qed isiru negozji illegali fin-negozju tieghu. Hu hass li l-artikolu inkiteb direttament ghalih. Rapport tal-pulizija kellu imma m'arrestaw lill hadd fil-hanut tieghu. Anzi l-pulizija kienu sorprizi bir-rapport li deher. Hu mmarka b'salib il-hanut tieghu fuq id-Dok A.

Fuq kontroezami wiegeb li l-post tieghu ma jidhirx fir-ritratt u s-salib fuq id-Dok A sar bi zball. Fl-artikolu hu ma ssemmiex b'ismu u lanqas ma ssemma l-*bar* tieghu b'ismu. Lanqas ma jissemma Pinto Wharf u lanqas l-*arrivals*. Fl-artikolu jissemma biss Grand Harbour. Ir-ritratt jindika n-naha tal-Belt. Il-hanut tieghu biss qieghed quddiem l-*arrivals*. Fir-ritratt ma jidhru l-ebda *bars*. Kienu cemplulu hafna nies (xi 20/30 persuna) u qalulu li l-*bar* tieghu jissemma fl-artikolu u kull min isibu fit-triq jghidlu bl-istorja. Kellmuh kemm avukati kif ukoll ufficjali tad-dwana. L-uniku post minn fejn johorgu s-*seafarers* huwa quddiem il-hanut tieghu. Il-*gate* ma tissemmiex fl-artikolu. L-artikolu jitkellem fuq il-vapur tal-Libja li kien isorgi quddiem il-hanut tieghu.

**Louis Duca** xehed li hu *security* mad-Dwana u billi kien jaf il-hanut kien interessah l-artikolu. Dan kien l-uniku hanut li hemm quddiem is-*Sea Passengers Terminal*. Hu jiffrekwenta l-hanut ta' l-attur.

**Raymond Bugeja** xehed li l-artikolu kien bazat fuq informazzjoni li gejja minn sorsi li kienu jafu x'qed jghidu. L-artikolu kien vag apposta. Hu ma jafx kemm hemm *bars* fid-dawra tal-*Grand Harbour* u kien sorpriz kif gie miftiehem l-artikolu li qed jitkellem fuq *bar* partikolari. Hemm aktar minn post wiehed minn fejn jistghu jinzlu l-*crews*. Huma qaghdu attenti biex ma jirreferu ghal ebda *bar* partikolari. Hu ma eskludiex li setgha kien il-*bar* tal-attur li saret riferenza ghalih. L-artikolu jitkellem fuq "*at least one bar*" jigifieri seta' kien hemm aktar minn wiehed u mhux f'posizzjoni li jeskludi l-ebda *bar*.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jissottometti li fil-kaz in ezami l-element ta' identifikazzjoni gie pruvat. Ir-ritratt juri id-*Deep Water Quay* fejn isorgu l-*passenger cruisers* u fir-ritratt hemm wiehed minn dawn il-vapuri. Fil-parti tal-port muri fir-ritratt, hemm *bar* wiehed biss, dak ta' l-attur, li pero' ma jidhirx fir-ritratt. L-uniku post minn fejn johorgu s-*seafarers* huwa quddiem il-hanut tieghu.

L-attur qed jissottometti wkoll li jekk ma jirrizultax illi l-attur u l-hanut tieghu huma identifikabbli fil-publikazzjoni, xorta wahda ghandu dritt li jagixxi b'din l-azzjoni taht id-*defamation of a class*.

**Tikkunsidra**

Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatament malafamata hu ghal

kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kienitx jew le indentifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra' l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza (App. Farrugia vs Fava 15.1.97).

Il-pubblikazzjoni tikkonsisti f'kitba u ritratt.

Fit-test in ezami l-parti li qed joggezzjona ghaliha l-attur tinsab fit-tieni paragrafu tal-artikolu li tghid :

"*The situation at Grand Harbour is worsening and the police drug squad is known to be actively considering recommending withholding the licence of at least one bar frequented by seafarers. The officers fear illegal deals are clinched or arranged in the bar in question*."

F'dana l-artikolu bhala ndikazzjoni ta' post hemm "*Grand Harbour*". Ma jissemmiex Pinto Wharf, ma jissemiex l-*Arrivals Terminal*, ma tissemma l-ebda *gate*. L-artikolu jitkellem dwar "*of at least one bar*". L-attur ma jissemmiex b'ismu; il-hanut ma jissemmiex b'ismu.

L-artikolu jitkellem dwar *Grand Harbour* in generali u ma jaghtix indikazzjoni ta' fejn. Isemmi fejn jinzlu l-*crew members* imma fil-port il-kbir hemm aktar minn post wiehed minn fejn johorgu u mhux biss minn quddiem il-hanut tal-attur.

Dwar l-indikazzjoni fuq il-hanut, l-attur stess jghid li hemm aktar minn hanut wiehed fil-lokalita' tieghu (ara xhieda u dikjarazzjoni) u hafna aktar

fil-Port il-Kbir. Il-konvenut xehed li hu ma kienx qed jitkellem fuq hanut wiehed partikolari ghax seta' kien hemm aktar minn wiehed, pero' m' eskludiex li seta' kien dak ta' l-attur. Lanqas fir-ritratt ma' l-artikolu ma jidher il-*bar* ta' l-attur.

L-attur semma li hu kien lest li jtella superintendent tal-pulizija biex jixhed fuq dana l-kaz. Kienu cemplulu hafna nies u qalulu li l-*bar* tieghu ssemma fl-artikolu. Kienu cemplulu xi ghoxrin jew tletin persuna u kull min isibu fit-triq jghidlu bl-istorja. Kellmuh kemm avukati u ufficjali tad-dwana. Minn dawn in-nies kollha kull ma pproduca bhala xhieda l-attur kien wiehed li jahdem bhala *security* id-Dwana u li kien jiffrekwenta l-*bar* tieghu.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li qarrej ordinarju meta jaqra' l-artikolu in kwistjoni ma jistax jasal b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra u ukoll b'certu grad ta' certezza biex jidentifika xi *berthing place* partikolari jew *bar* partikolari.

Defamation of Class

L-attur qed jissottometti wkoll li jekk ma jirrizultax illi l-attur u l-hanut tieghu huma identifikabbli fil-pubblikazzjoni, xorta wahda ghandu dritt li jagixxi b'din l-azzjoni taht id-*defamation of a class*.

Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, meta kliem offensiv ikun jirreferi ghal klassi jew kategorija ta' persuni, il-komponenti ta' dik il-klassi jew katergorija jkunu ntitolati li jezercitaw l-azzjoni…fil-kaz biss, pero', illi l-espressjoni ngurjuza tkun tista' tikkonkretizza ruhha fil-konfront ta' persuna jew persuni determinati f'dik l-istess klassi jew kategorija… A.K. Pul vs Quinn Vol XLIX p4 p 1241.

*There cannot be defamation of a class (or group) of persons unless the plaintiff can be identified. … Media Law*. Peter Carey.

Fil-kaz in ezami l-attur ma giex identifikat u l-allegata ngurja kienet maghmula b'mod vag u generali li l-istess estensjoni nnewtralizzat il-forza tal-addebitu fil-konfront ta' kull persuna tal-klassi jew kategorija. L-espressjoni ngurjuza ma' tistax tikkonkretizza ruhha fil-konfront ta' persuna jew persuni determinati f'dik l-istess klassi jew kategorija.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-attur.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**